**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 14/2019 RM**

**L-Awtorita` Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**

**-vs-**

**Daniel D'Anastasi**

**Illum, 23 ta' Settembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-Awtorita` attrici pprezentat nhar is-17 ta' Jannar 2019 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lilha s-somma ta' €7,153.93, liema somma hija komposta mill-ammonti dettaljati f'ittra lilu mibghuta fit-3 ta' Ottubru 2018, annessa u mmarkata bhala Dok A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tad-9 ta' Novembru 2018 u bl-imghaxijiet legali mill-istess data, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Gunju 2019 wara li ta ruhu b'notifikat bir-Rikors promotur u l-avviz tas-smigh tal-kawza[1], fejn eccepixxa s-segwenti:

[1] Fl-udjenza tal-14 ta' Mejju 2019.

1. *L-ammont mitlub mill-attrici mhux dovut.*
2. *F'kull kaz l-attrici ghandha tressaq il-provi skond il-ligi ghall-pretensjonijiet taghha.*
3. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Kristina Pavia[2] u ta' George Spiteri[3];

Rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat illi waqt l-udjenza tas-6 ta' Frar 2020, gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut;

Rat ukoll illi fis-seduta tad-19 ta' Frar 2020, il-konvenut wara li gie msejjah diversi drabi, naqas milli jidher biex iwiegeb ghall-kapitolu ghas-subizzjoni tieghu;

Rat illi ghalkemm il-konvenut ipprezenta Risposta in linea ta' kontestazzjoni tal-kawza, huwa ma deherx quddiem il-Qorti sabiex iressaq il-provi tieghu u sabiex jaghmel il-kontro-ezamijiet tax-xiehda prodotti mill-Awtorita` attrici;

Rat illi waqt l-istess seduta tad-19 ta' Frar 2020, l-Awtorita` attrici ddikjarat li ma ghandhiex iktar provi xi tressaq u talbiet lill-Qorti biex tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi l-kawza giet mhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

---

[2] 4 ta' Lulju 2019.
[3] 22 ta' Ottubru 2019.

Illi fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2020, il-konvenut wara li gie imsejjah diversi drabi, naqas milli jidher ghas-subizzjoni u ghalhekk il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 702(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis li l-kapitolu gie debitament mistqarr u accettat mill-istess konvenut.

Illi skont kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna[4], in-nuqqas minghajr raguni valida tas-subent li jidher u jwiegeb ghall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intizi biex jaghmlu prova tad-domanda attrici - jitqies bhala prezunta konfessjoni.

Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss wahda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tingieb in sostenn tat-talba attrici, huwa wkoll risaput[5] li din il-prova wahedha mhux necessarjament bizzejjed biex tissodisfa l-piz tal-prova inkombenti fuq l-attur ghas-success tal-pretensjoni tieghu. Jinghad ukoll illi l-gudikant, f;kull kaz, m'huwiex marbut bil-konfessjoni li tista' tirrizulta min-nuqqas li jitwiegbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti processwali, u dan in omagg ghall-principju *actor non probante reus absolvitur.*

Kif inqtal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia**[6], bin-nuqqas tal-konvenut li jwiegeb ghall-kapitoli, dawn:-

*"… … … jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti."*

---

[4] Ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et** – deciza mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Gunju 2018

[5] Ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et** – deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952.

[6] Cit. 2357/1996, deciza 28 ta' April 2000

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz odjern, oltre ghas-subizzjoni tal-konvenut, l-Awtorita` attrici in sostenn tal-pretensjoni taghha ressqet zewg xiehda u esebiet diversi dokumenti.

**Dr. Kristina Pavia**[7] xehdet in rapprezentanza tal-Awtorita` attrici, u qalet illi Daniel D'Anastasi kien impjegat mal-istess Awtorita` f'Jannar, 2014 b'kuntratt indefinit. Kien impjegat bhala I.T. Support Officer Clerk Two, fil-Communication Unit. Ftit wara kien talabhom biex ikun jista' jipparteċipa fi skema msejha Self Development Study Scheme, biex jigi mghejjun fl-istudji tieghu. L-Awtorita` accettat u gie ffirmat ftehim (Dok. KP1) fit-3 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu il-konvenut accetta illi jirrifondi entro perijodu ta' ghaxar snin, is-somma li tigi mhallsa mill-Awtorita`, sa massimu ta' €4,500, direttament lill-istitut edukattiv li mieghu l-konvenut kellu jintraprendi l-istudji mehtiega biex iwasslu jikseb Level 5 Diploma in Computing. Skont dan il-ftehim, il-konvenut inghata moratorium sal-31 ta' Dicembru 2015 sabiex jibda jsir il-hlas lura tas-somma mhallsa mill-Awtorita`.

Ziedet tghid illi lejn l-aħħar ta' dan il-perjodu il-konvenut kien talab estensjoni tal-moratorium, liema talba giet accettata u l-Awtorita` estendiet il-moratorium ghall-hlas bi tliet xhur ohra. Lejn l-aħħar ta' dawn it-tliet xhur l-istituzzjoni li kienet qed tipprovdi dan il-kors ma kinitx se tibqa' tipprovdih ghalhekk il-konvenut ghazel li jerga' jibda dan il-kors ma' istituzzjoni gdida ohra[8]. Gie miftiehem illi l-iskema kellha tigi estiza bi tlett snin ohra[9].

Ix-xhud qalet ukoll illi f'Lulju tas-sena 2018, il-konvenut irrizenja mill-impjieg tieghu mal-Awtorita` attrici[10] u dan waqt li kien ghadu ghaddej bl-istudji tieghu

---
[7] Xhieda tal-4 ta' Lulju, 2019.
[8] Vide Dok. KP5, fol. 42.
[9] Dok. KP3, fol. 39.
[10] *E-mail* datat 23 ta' Lulju 2018, a fol. 49 *tergo*.

taht l-iskema. Skont il-ftehim konkluz bejn il-partijiet, f'kaz li l-konvenut ma jibqax impjegat mal-Awtorita`, huwa kellu jhallas lura minnufih il-bilanc kollu li jkun fadal x'jithallas lura. L-ammont dovut mill-konvenut u mitlub f'din il-kawza fis-somma totali ta' €7,153.93, huwa kompost mis-segwenti ammonti:-

- €1,422.31, rapprezentanti nofs in-*notice period* mhux mahdum;
- €4,500, rapprezentanti rifuzjoni tal-flus moghtija skont il-ftehim tat-3 ta' Lulju 2014;
- €197.03, rapprezentanti salarju zejjed imhallas lill-konvenut wara l-24 ta' Lulju, 2018;
- €782.27, rapprezentanti *vacation leave* zejjed ta' 88 siegha; u
- €252.32, rapprezentanti beneficcji ta' *sick leave*, li komplessament jiffurmaw is-somma ndikata fir-rikors promotur u cioe is-somma ta'.

Ghalkemm saru tentattivi biex isir kuntatt mal-konvenut dwar il-hlasijiet minnu dovuti, u dan kemm bit-telefon kif ukoll permezz tal-posta u anke *e-mail* u bil-*courier*, dawn kienu bla success u l-konvenut qatt ma rega' dahal xoghol. Ix-xhud tghid li hi personalment ippruvat tikkuntattjah u indikat lil Simone Vella li kienet Administrative Assistant li wkoll ippruvat tikkuntattja lill-konvenut.

**George Spiteri** xehed illi huwa kien jokkupa l-kariga ta' Head tal-Human Resources sal-ahhar ta' Jannar 2019. Jghid illi fil-perjodu ta' Lulju, 2018 meta Daniel D'Anastasi kien bis-*sick leave*, baghtlu email fejn infurmah illi kien qed jirriżenja mill-impjieg. Fl-istess *e-mail* kien saqsih ukoll dwar il-procedura tan-*notice period* u dwar l-iskema ta' Self Development. Ix-xhud qal li huwa indikalu kemm irid jaħdem *notice period* skont is-snin li kien ilu fl-impjieg mal-Awtorita` u talbu jtih indikazzjoni jekk kienx sejjer jaħdem dan in-*notice period* ghaliex fin-nuqqas, l-ammont li li jkun dovut mill-konvenut lill-Awtorita` ikun ta' nofs is-salarju għal tmien ġimgħat. Ix-xhud indikalu wkoll li kellu wkoll obbligazzjoni li jhallas lura somma ta' flus lill-Awtorita` in konnessjoni mal-

iskema tas-Self Development, fl-ammont ta' cirka €4,500. Qal izda illi ma kienx ircieva risposta minghand il-konvenut ghal dan l-*e-mail.* Fisser ukoll illi l-konvenut irid ihallas ta' 88 siegħa *leave* zejjed li kien ħa fis-sena 2018 kif ukoll ta' xi 34 siegha *sick leave*. Ix-xhud ikkonferma illi b'kollox, l-ammont dovut mill-konvenut huwa dak indikat f'Dok A anness mar-Rikors promotur[11].

Ikkunsidrat;

Illi wara li ezaminat l-atti u l-provi, il-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` kwalsiasi illi tqis illi f'dan il-kaz, in-nuqqas tal-konvenut li jwiegeb ghall-kaptiolu ghas-subizzjoni tieghu, ipprovoka il-konfessjoni tieghu, u dan ghaliex din il-konfessjoni mhux biss ma gietx kontradetta minn provi ohrajn izda hija sorretta ampjament u bis-shih mix-xhieda ta' Dr. Kristina Pavia u ta' George Spiteri u mid-dokumenti kollha prodotti in atti mill-Awtorita` attrici. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi din il-Qorti ssib illi t-talba tal-Awtorita` attrici ghall-hlas tas-somma mitluba, giet debitament ippruvata sija bil-provi akkwiziti fl-atti u sija wkoll bis-subizzjoni tal-konvenut, u konsegwentement timmerita pjenament li tigi akkolta.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Ghalkemm l-Awtorita` attrici fir-Rikors promotur, taghmel accenn ghal ittra gudizzjarja li giet ipprezentata fil-konfront tal-konvenut odjern fid-9 ta' Novembru 2018, baqghet ma tressqet ebda prova ta' din l-interpellazzjoni gudizzjarja jew tan-numru ta' referenza taghha, u ma jirrizultax lanqas jekk din gietx effettivament notifikata lill-konvenut. Ghaldaqstant, fl-assenza ta' xi prova ohra, il-Qorti tqis illi l-ewwel sejha gudizzjarja li saret lill-konvenut ghall-hlas tal-ammont reklamat f'din il-kawza, saret fid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur, cioe` fis-17 ta' Jannar 2019 u l-imghaxijiet ghandhom ghalhekk jibdew jiddekorru minn din id-data a tenur tal-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili.

[11] Fol. 2 sa 4.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tal-Awtorita` attrici u tikkundanna lill-konvenut DANIEL D'ANASTASI sabiex ihallas lill-istess Awtorita` attrici is-somma ta' sebat elef, mija u tlieta u hamsin Ewro u disgha u tletin centezmu (€7,153.93) rapprezentanti ammonti dovuti kwantu ghal rifuzjoni ta' ammont avvanzat a tenur ta' Self Development Agreement datat 3 ta' Lulju 2014, hlas ta' salarju zejjed, *vacation lea*ve mehud in eccess ta' dak dovut, beneficcji ta' *sick leave* kif ukoll hlas dovut fuq it-terminazzjoni tal-impieg tal-konvenut, kif elenkati fid-dokument anness mar-Rikors promotur (Dok. A), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-istess Rikors promotur, cioe` mis-17 ta' Jannar 2019, kif ukoll bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**